Nru. 17,430
Prezz 64c
Price 64c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 17 ta' Ġunju, 2003
Tuesday, 17th June, 2003

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 508

IL-PRESIDENT TA' MALTA JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta rritorna Malta fil-15 ta' Ġunju, 2003, u reġa' daħal għall-qadi tad-dmirijiet tal-kariga tiegħu ta' President.

Dott. George Hyzler ma baqax jaqdi l-funzjonijiet ta' President mal-wasla lura f'Malta tal-President.

Is-17 ta' Ġunju, 2003

Nru. 509

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 17,428 tat-13 ta' Ġunju, 2003.

A.L. Nru. 131 ta' l-2003: Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12); Regoli tal-Qorti biex jinżamm il-Bon Ordni fil-Qrati tal-Ġustizzja, 2003.

A.L. Nru. 132 ta' l-2003: Att dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel (Att Nru. XIV ta' l-2002); Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kuluri għall-Użu fi Ħwejjeġ ta' l-Ikel.

A.L. Nru. 133 ta' l-2003: Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel (Kap. 449); Regolamenti ta' l-2003 dwar Dikjarazzjoni ta' Importazzjoni.

A.L. Nru. 134 ta' l-2003: Att dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali (Kap. 365); Regolamenti ta' l-2003 li jirrevokaw ir-Regolamenti dwar Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward ta' l-Iraq.

Is-17 ta' Ġunju, 2003

GOVERNMENT NOTICES

No. 508

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRESIDENT OF MALTA

IT is notified for general information that the President of Malta returned to Malta on the 15th June, 2003, and has resumed the functions of the Office of The President.

Dr George Hyzler has ceased to perform the functions of President from the time of the President's arrival in Malta.

17th June, 2003

No. 509

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 17,428 of the 13th June, 2003.

L.N. No. 131 of 2003: Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12); Rules of Court for the Maintenance of Good Order in the Courts of Justice, 2003.

L.N. No. 132 of 2003: Food Safety Act (Cap. 448); The Use of Colours in Foodstuffs (Amendment) Regulations, 2003.

L.N. No. 133 of 2003: Food Safety Act (Cap. 449); Import Declaration Regulations, 2003.

L.N. No. 134 of 2003: National Interest (Enabling Powers) Act (Cap. 365); United Nations Sanctions (Iraq) (Revocation) Regulations, 2003.

17th June, 2003

Nru. 510

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Pierre Attard, LL.D., bħala Nutar Delegat u Konservatur ta' l-Atti ta' l-Onor. Nutar Dott. Elena Farrugia, B.A., LL.D., b'seħħ mis-16 ta' Ġunju 2003 sat-30 ta' Ġunju 2003 għal matul l-assenza tagħha minn dawn il-Gżejjer.

Reġistru tal-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili.
Illum, 12 ta' Ġunju, 2003.

JOSEPH BORG
Deputat Reġistratur

No. 510

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Pierre Attard, LL.D., to be Notary Delegate and Keeper for Notary Dr Elena Farrugia, B.A., LL.D., with effect from 16th June 2003 to the 30th June 2003, during the latter's absence from these Islands.

Registry of the Court of Revision of Notarial Acts
This 12th June, 2003.

JOSEPH BORG
Deputy Registrar

Nru. 511

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Applikazzjonijiet li għandhom bżonn avviż ta' stima ta' l-impatt ambjentali skond l-artikolu 7(4) tar-Regolamenti dwar l-Istima ta' l-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali Nru. 204/2001)

L-APPLIKAZZJONIJIET hawn taħt imsemmija jeħtieġu Stima ta' l-Impatt Ambjentali. L-applikazzjonijiet huma miġbura skond il-lokalità u jinkludu n-numru ta' l-Applikazzjoni, it-titlu ta' l-iżvilupp u l-isem ta' l-applikant. Il-pubbliku jista' jara l-applikazzjonijiet hawn taħt imsemmija fl-uffiċċji ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, il-Furjana, waqt il-ħinijiet tal-ftuħ.

Il-pubbliku hu mistieden jibgħat kummenti bil-miktub lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, St. Francis Ravelin, il-Furjana, dwar materji li jkun jixtieq li jiġu inklużi fl-Istima ta' l-Impatt Ambjentali. Is-sottomissjonijiet għandu jkollhom id-dettalji ta' l-applikazzjoni kif jidhru hawn taħt. Il-kummenti għandhom jaslu l-Awtorità dwar l-Ambjent u l-Ippjanar sa tliet ġimgħat mid-data dan l-avviż.

No. 511

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Applications that require an environmental impact assessment notice in accordance with section 7(4) of the Environmental Impact Assessment (2001) Regulations (Legal Notice 204/2001)

THE following development permit applications are subject to an Environmental Impact Assessment. The applications are set out by locality and include the Planning Application Number, title of the development and the name of the applicant. Copies of these applications can be seen at the offices of the Malta Environment and Planning Authority in Floriana, during office hours.

The public is advised to submit in writing to the Malta Environment and Planning Authority, St. Francis Ravelin, Floriana, any issues it wishes to see included in the Environmental Impact Assessment. Submissions should contain details of the application as given below. All submissions are to reach the Malta Environment and Planning Authority within three weeks from this notice.

Tal-Pietà	PA 2090/03	Tbiddil ta' l-inċineratur eżistenti fl-iSptar San Luqa b'*unit* ġdid ta' dekontaminazzjoni b'użu ta' *microwaves*.
Pietà		*Replacement of existing incinerator at St Luke's Hospital with a new microwave decontamination unit.*

Direttur, Dipartiment tas-Saħħa, Triq il-Merkanti, Valletta CMR 02
Director, Health Department, Triq il-Merkanti, Valletta *CMR 02*

Is-17 ta' Ġunju, 2003 17th June, 2003

Nru. 512

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, is-Sezzjoni għal Liċenzar tal-Kummerċ qiegħda hawnhekk tippubblika avviżi ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin:

No. 512

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

IN terms of the provisions of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Trade Licensing Unit is hereby publishing a notice of the following applications:

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2003 Pt 182	Carmelo Borg	Antoinette Bazaar 'Carmtwan', Triq is-Sgħajtar Mosta	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.48.13	04.6.03
CD/3209/2003 Pt 203	Desiree Farrugia	Desiree Boutique Triq San Ġwann Bosco Dingli	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.42	05.6.03
CD/3209/2003 Pt 204	Dorianne Mallia	Griffon Shop A Triq San Ġwann ta' l-Għargħar San Ġwann	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.47	07.6.03
CD/3209/2003 Pt 71	Leonard Zammit	Zamco Party Shop Shop B St. Anthony Street c/w Triq tal-Mensija San Ġwann	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.44 51.8 52.48.13	09.6.03
CD/3209/2003 Pt 196	Nikolina Micallef	Nikolina Fruit & Veg 'Casa Micallef' Triq Mons Mikiel Azzopardi Siġġiewi	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.21	09.6.03
CD/3209/2003 Pt 202	Tereża Farrugia	Fullstop Stationary & Bazaar 'Flamingo House' Triq Oscar Zammit Msida	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.47 52.48.13	09.6.03

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2003 Pt 210	Elizabeth Giardina	Wied Ħesri Confectionery 56 Shop 1 Ent 1, Binja Ħesri Triq Dun Anton Vella Siġġiewi	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.24	09.6.03
CD/3209/2003 Pt 214	Charles Borg	N.C.B. Fibreglass Works Mosta Industrial Estate Triq iż-Żnuber Mosta	Kategorija II - Attivitajiet tal-manifattura *Category II - Manufacturing activities*	36.6	09.6.03
CD/3209/2003 Pt 220	Joseph Demanuele	Euphoria Fashion Boutique Triq John Borg Msida	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.42	09.6.03
CD/3209/2003 Pt 145	Paul Tanti	Canadis Auto Dealer 188 Triq Fleur-De-Lys Birkirkara	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	50.3 50.1	10.6.03
CD/3209/2003 Pt 199	Frederick Farrugia	Longbow Ltd Triq H. Calleja Schembri Msida	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	51.9	11.6.03
CD/3209/2003 Pt 166	Mariella Mifsud	Hair Mania by Mariella Triq ir-Rebbieġa c/w Triq il-Ħannieqa Għaxaq	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.021	13.6.03

Kull persuna li għandha interess, tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ, Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

Is-17 ta' Ġunju, 2003

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Trading Licences Unit, Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

17th June, 2003

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 36

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu u jieqfu fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati. Huwa pprojbit ukoll l-ipparkjar ta' vetturi fit-toroq imsemmija hawn taħt u vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkati.

Birkirkara

Nhar il-Ħadd, is-6 ta' Lulju, 2003 mill-4.00 p.m. sa l-10.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Fleur-De-Lys, Vjal Fleur-De-Lys, Borg, A. Cuschieri u Sant' Antnin.

Is-17 ta' Ġunju, 2003

POLICE NOTICE

No. 36

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the date and times indicated. The parking of vehicles along the under-mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed away.

Birkirkara

On Sunday, 6th July, 2003 from 4.00 p.m. to 10.00 p.m. through the following streets: Fleur-De-Lys, Vjal Fleur-De-Lys, Borg, A. Cuschieri and Sant' Antnin.

17th June, 2003

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 37

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skond l-Avviż Legali 101/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu klassifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu u jieqfu fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ir-Rabat, Malta

Nhar il-Ġimgħa, is-27 ta' Ġunju, 2003 mis-6.00 p.m. sat-8.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Patrijiet, Bir l-Iljun, San Martin, Doni, San Bartilmew, Zondadari u Santu Wistin.

Is-17 ta' Ġunju, 2003

POLICE NOTICE

No. 37

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the date and times indicated.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Rabat, Malta

On Friday, 27th June, 2003 from 6.00 p.m. till 8.30 p.m. through the following streets: il-Patrijiet, Bir l-Iljun, San Martin, Doni, San Bartilmew, Zondadari and Santu Wistin.

17th June, 2003

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 25 ta' l-2003

Logħob tan-Nar minn fuq barkun irmiġġat 'l hinn mill-Ponta ta' Bighi – il-Port il-Kbir

Se jsir logħob tan-nar minn fuq barkun irmiġġat 'l hinn mill-Ponta ta' Bighi fil-Port il-Kbir 250 metru mill-eqreb xatt, nhar l-Erbgħa, il-25 ta' Ġunju 2003.

Il-barkun se jkun irmiġġat fil-pożizzjonijiet li ġejjin:

Latidude (T)	*Longitude* (L)
35°53'.58	14°31'. 26

Il-logħob tan-nar se jibda fil-11.00 p.m.

L-inġenji tal-baħar huma mwissija biex iżommu 'l bogħod mill-inħawi mhux anqas minn 200 metru mill-post ta' fejn se jinħarqu l-murtali matul il-wirjiet hawn fuq imsemmija.

Tbaħħir bl-inġenji tal-baħar fil-Port il-Kbir għandu jsir b'kawtela u bil-mod. Il-baħħara huma mwissija biex jobdu l-istruzzjonijiet maħruġa mill-Valletta *Port Control*.

Il-pożizzjoni tirreferi għal WGS 84 Datum.

Chart affettwata BA 177

Is-17 ta' Ġunju, 2003

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 26 ta' l-2003

Challenge Shield ta' taħt it-Tmintax-il Sena

In-National Regatta Group se jorganizza sensiela ta' żewġ (2) Regatti biex isiru waħda fil-Port il-Kbir u waħda (1) fil-Port ta' Marsamxett.

Il-post, dati u ħinijiet tar-Regatta huma kif ġej:

1. Id-Daħla tal-Kalkara – Il-Port il-Kbir
Data: it-22 ta' Ġunju, 2003
Ħin: 10.00 a.m. – 11.00 a.m.

2. Id-Daħla tal-Kalkara – Il-Port il-Kbir
Data: is-6 ta' Lulju, 2003
Ħin: 10.00 a.m. – 11.00 a.m.

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 25 of 2003

Fireworks Display from a barge moored off Bighi Point – Grand Harbour

A fireworks display will be let off in the Grand Harbour, from a barge moored off Bighi Point 250 metres from the nearest shore on Wednesday, 25th June 2003.

The barge will be moored in the following position:

Latidude (N)	Longitude (E)
35°53'.58	14°31'. 26

The fireworks display will commence at 11.00 p.m.

All crafts are warned to give a wide berth of not less than 200 metres from the firing site during the above mentioned display.

Craft navigating within the Grand Harbour are to proceed with caution and slow speed. Mariners are warned to obey instructions given by Valletta Port Control.

Position referred to WGS 84 Datum.

Chart affected: BA 177

17th June, 2003

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 26 of 2003

Under 18 Challenge Shield

The National Regatta Group will be organising a series of two (2) Regattas to take place in the Grand Harbour and one (1) in Marsamxett Harbour.

The location, dates and times of the Regattas are as follows:

1. Kalkara Creek – Grand Harbour
Date: 22 June 2003
Time: 10.00 a.m. – 11.00 a.m.

2. Kalkara Creek – Grand Harbour
Date: 6 July 2003
Time: 10.00 a.m. – 11.00 a.m.

3. Il-*Water Polo Pitch* ta' Marsamxett – Il-Port ta' Marsamxett

Data: l-20 ta' Lulju, 2003

Ħin: 10.00 a.m. – 11.00 a.m.

Skond l-artikolu 7 ta' l-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta (Kap. 352) u l-artikolu 6 tar-Regolamenti ta' l-1966 dwar il-Portijiet, se jsiru l-arranġamenti li ġejjin għat-tbaħħir tal-bastimenti fil-Port il-Kbir u fil-Port ta' Marsamxett fid-dati u l-ħinijiet imsemmija hawn fuq.

Se jitqiegħdu erba' (4) bagi biex jimmarkaw l-area fil-ħin tal-bidu ta' kull tellieqa. L-ebda inġenji tal-baħar ma jitħallew jidħlu jew jitilqu mill-area mmarkata jekk mhux b'permess speċjali mid-Direttur Eżekuttiv (Portijiet). Il-bagi jitneħħew fi tmiem kull tellieqa.

Il-pożizzjonijiet tal-bagi jkunu kif ġej:

		Latitude (T)	*Longitude* (L)
Id-Daħla tal-Kalkara	A	35°53'.521	14°31'.155
	B	35°53'.525	14°31'.178
	Ċ	35°53'.400	14°31'.495
	D	35°53'.371	14°31'.475
L-Area ta' Marsamxett	E	35°53'.984	14°30'.372
	F	35°54'.018	14°30'.350
	Ġ	35°54'.170	14°30'.666
	Ħ	35°54'.136	14°30'.690

Rigward il-Port ta' Marsamxett, matul ir-Regatta ma jitħallewx joħorġu jew jidħlu dgħajjes 'l hinn minn Manoel Island.

Il-baħħara huma avżati biex jobdu l-ordnijiet mogħtija mill-Kontroll tal-Port ta' Valletta (PTSS) u mil-laneċ fil-viċinanzi tat-tlielaq.

Il-pożizzjonijiet jirreferu għall-WGS 84 DATUM.

Partijiet ta' *BA Chart* 177 jidhru fuq paġni 9154 u 9155.

Is-17 ta' Ġunju, 2003

3. Marsamxett Water Polo Pitch – Marsamxett Harbour

Date: 20 July 2003

Time: 10.00 a.m. – 11.00 a.m.

In terms of Section 7 of the Malta Maritime Authority Act (Cap. 352) and Section 6 of the Ports Regulations, 1966, the following arrangements will be made for shipping traffic in the Grand Harbour and Marsamxett Harbour on the dates and times mentioned above.

Four (4) buoys will be laid to delineate the area at the starting time of each race. No craft will be allowed to enter or leave the designated area unless by special permission issued by the Executive Director (Ports). The buoys will be removed at the end of each race.

The positions of the buoys will be as follows:

		Latitude (T)	*Longitude* (L)
Kalkara CreekA	A	35°53'.521	14°31'.155
	B	35°53'.525	14°31'.178
	C	35°53'.400	14°31'.495
	D	35°53'.371	14°31'.475
Marsamxett Area	E	35°53'.984	14°30'.372
	F	35°54'.018	14°30'.350
	G	35°54'.170	14°30'.666
	H	35°54'.136	14°30'.690


With regards to Marsamxett (M'Xett) Harbour, boats will not be allowed to go out or come in beyond Manoel Island during the Regatta.

Mariners are advised to obey instructions given by the Valletta Port Control (PTSS) and by patrol boats in the vicinity of the races.

Positions are referred to WGS 84 DATUM.

Parts of BA Chart 177 are shown on pages 9154 and 9155

17th June, 2003




©British Crown Copyright 1970, 1983, 1986, 1988, 1999, 2000.
All rights reserved

The UK Hydrographic Office makes the accompanying data available to Malta Maritime Authority under the terms and conditions of agreement HO 1427/929930/01.

DISCLAIMER

Whilst the UK Hydrographic Office has endeavoured to ensure that the material supplied is suitable for the purpose described, it accepts no liability (to the maximum extent permitted by law) for any damage or loss of any nature arising from its use. The material supplied is used entirely at the Recipient's own risk.

Chart 1



©British Crown Copyright 1970, 1983, 1986, 1988, 1999, 2000.
All rights reserved

The UK Hydrographic Office makes the accompanying data available to Malta Maritime Authority under the terms and conditions of agreement HO 1427/620930/01.

DISCLAIMER

Whilst the UK Hydrographic Office has endeavoured to ensure that the material supplied is suitable for the purpose described, it accepts no liability (to the maximum extent permitted by law) for any damage or loss of any nature arising from its use. The material supplied is used entirely at the Recipient's own risk.

Chart 2

ORDINANZA DWAR L-ORGANIZZAZZJONI TAD-DIPARTIMENT TAS-SAĦĦA

(KAP. 94)

Bord dwar il-Professjonijiet Supplimentari għall-Mediċina

Elezzjoni ta' Membri

Nominazzjoni ta' Kandidati

Ngħarrfu b'dan illi nominazzjonijiet ta' kandidati biex jimtlew vakanza ta' *Physiotherapist* u Spettur Sanitarju bħala membri tal-Bord dwar il-Professjonijiet Supplimentari għall-Mediċina skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 35 (3) (a) u (ġ) ta' l-Ordinanza dwar l-Organizzazzjoni tad-Dipartiment tas-Saħħa (Kap. 94) jintlaqgħu mir-Reġistratur tal-Bord dwar il-Professjonijiet Supplimentari għall-Mediċina, fl-Uffiċċju tal-B.P.S.M., 181, Triq Melita, Valletta nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ġunju u nhar il-Ħamis, 26 ta' Ġunju, 2003 bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar.

Il-formoli tan-nominazzjoni għal kandidati jistgħu jinkisbu mill-uffiċċju msemmi hawn fuq f'Malta u mill-Isptar Ġenerali, f'Għawdex.

Joseph Agius
Andrew Scicluna
Renato Zerafa

Kummissjoni għall-Elezzjoni tal-Bord dwar il-Professjonijiet Supplimentari għall-Mediċina

Is-17 ta' Ġunju, 2003

DEPARTMENT OF HEALTH (CONSTITUTION) ORDINANCE

(CAP. 94)

Board for the Professions Supplementary to Medicine

Election of Members

Nomination of Candidates

It is hereby notified that the nominations of candidates to fill one vacancy of a Physiotherapist and one vacancy of a Health Inspector, as members of the Board for the Professions Supplementary to Medicine in accordance with the provisions of Section 35 (3) (a) and (g) of the Department of Health (Constitution) Ordinance (Cap. 94) will be received by the Registrar of the Board for the Professions Supplementary to Medicine at the B.P.S.M. Office, 181, Triq Melita, Valletta on Wednesday, 25th June and Thursday, 26th June, 2003 between 8.00 a.m. and noon.

Nomination forms for candidates are obtainable from the above mentioned office in Malta and from Gozo General Hospital.

Joseph Agius
Andrew Scicluna
Renato Zerafa

Board for the Professions Supplementary to Medicine Election Commissioners

17th June, 2003

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi - *IT Lecturing Staff*

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' *lecturing staff part-time* u *full-time* fil-livelli kollha sa l-Ewwel Grad fl-Istitut tat-Teknoloġija ta' l-Informatika u Komunikazzjoni.

Lecturing staff għandu jkun kwalifikat u bl-esperjenza f'wieħed jew aktar mill-oqsma li ġejjin:

Computer Systems and Architecture
Software Development (Visual Basic, C++, Java)
Web Development
Computer Networks (LANS, WANS)
Operating Systems

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies - IT Lecturing Staff

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to recruit in the Institute of Information and Communication Technology full-time and part-time lecturing staff to teach at all levels up to a First Degree.

Lecturing staff will be qualified and experienced in one or more of the following areas:

Computer Systems and Architecture
Software Development (Visual Basic, C++, Java)
Web Development
Computer Networks (LANS, WANS)
Operating Systems

E-Commerce
Artificial Intelligence
Object Oriented Techniques
Quality Assurance
Project Management

Dan jirrikjedi letturi motivati ħafna li qed jistinkaw biex jagħmlu karriera tajba f'organizzazzjoni li qed tikber malajr u li tħares 'il quddiem. Min jintgħażel għandu jkun profiċjenti fil-Qasam ta' l-Informatika u Teknoloġija tal-Komunikazzjoni u jkun kompetenti f'li jgħaddi lill-istudenti t-tagħlim u l-kapaċitajiet prattiċi li huma essenzjali għall-ekonomija ta' l-informazzjoni tal-lum.

Studenti ta' l-aħħar sena fl-Università huma mistiedna biex japplikaw minħabba li teżisti l-għażla fejn il-kandidati jistgħu jibdew jaħdmu wara li jlestu l-istudji tagħhom. Saru arranġamenti speċjali mal-*Management and Personnel Office* ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru għall-impjegati tas-Servizz Pubbliku li jixtiequ jkunu fuq bażi ta' *attachment*. L-applikanti għandhom jibagħtu FORMOLA TA' L-APPLIKAZZJONI TA' L-MCAST, li wieħed jista' jsibha fuq il-*website* jew mill-Uffiċċju tad-Direttur Amministrattiv, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 08, mhux aktar tard minn nhar it-Tlieta, l-24 ta' Ġunju, 2003. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Is-17 ta' Ġunju, 2003

E-Commerce
Artificial Intelligence
Object Oriented Techniques
Quality Assurance
Project Management

This calls for highly motivated lecturing personnel who are striving to make a career with a fast-growing and forward-looking organization. The successful candidates will be proficient in the field of Information and Communication Technology and competent in imparting to students the knowledge and practical skills which are essential for today's information economy.

Final year University students are invited to apply since the option exists whereby the candidate can commence work upon completion of his/her studies. Special arrangements with the Management and Personnel Office of the Office of the Prime Minister have been made for Public Service employees wishing to be on an 'attachment' basis. Applicants should submit the MCAST APPLICATION FORM, available online and from the Office of the Administrative Director, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08, by not later than Tuesday, 24th June, 2003. Late applications will not be considered.

17th June, 2003

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet li ġejjin:-

Deputati Diretturi

L-MCAST tinħtieġ timpjega Deputat Direttur f'kull wieħed minn dawn l-Istituti:

Istitut tan-Negozju u Kummerċ
Istitut tas-Servizzi fil-Komunità
Istitut ta' l-Inġinerija Elettrika u Elettronika
Istitut Marittimu
Istitut ta' l-Inġinerija

Id-Deputat Direttur ikun meħtieġ li jaqdi funzjonijiet li jingħatawlu/ha mid-Direttur ta' l-Istitut. L-applikanti għandu jkollhom ta' l-anqas ħames snin esperjenza ta' *manager* flimkien ma' esperjenza fit-tagħlim/*lecturing* f'qasam relatat.

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

The Malta College of Arts, Science and Technology invites applications for the following posts:-

Deputy Directors

MCAST is seeking to recruit a Deputy Director in each of the following Institutes:

Institute of Business and Commerce
Institute of Community Services
Institute of Electrical and Electronics Engineering
Maritime Institute
Institute of Mechanical Engineering

The Deputy Director will be required to perform functions as delegated to him/her by the Director of Institute. Applicants are to have at least five years managerial experience together with teaching/lecturing experience in a relevant field.

IT Officer

L-*IT Officer* ikun responsabbli mill-*Management Information System* ta' l-MCAST u għall-istallazzjoni, manutenzjoni u appoġġ ta' tagħmir ta' l-IT fil-Kulleġġ. Il-kandidati għandu jkollhom ta' l-anqas sentejn esperjenza f'kuntest relatat.

Saru arranġamenti speċjali mal-*Management and Personnel Office* ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru għall-impjegati tas-Servizz Pubbliku li jixtiequ jkunu fuq bażi ta' *attachment*. L-applikanti għandhom jibagħtu formola ta' l-applikazzjoni ta' l-MCAST, li wieħed jista' jsibha fuq il-*website* jew mill-Uffiċċju tad-Direttur Amministrattiv, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 08, sa mhux aktar tard minn nhar it-Tlieta, l-1 ta' Lulju, 2003. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Is-17 ta' Ġunju, 2003

IT Officer

The IT Officer will be responsible for MCAST's Management Information System and for the installation, maintenance and support of IT equipment at the College. Candidates should have a minimum of two years experience in a related context.

Special arrangements with the Management and Personnel Office of the Office of the Prime Minister have been made for Public Service employees wishing to be on an 'attachment' basis. Applicants should submit the MCAST Application Form, available online and from the Office of the Administrative Director, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08, by not later than Tuesday, 1st July, 2003. Late applications will not be considered.

17th June, 2003

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi - Deputati Prinċipali

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' żewġ Deputati Prinċipali. Dawk li jieħdu l-post se jgħinu lill-Prinċipal fit-tmexxija ġenerali u direzzjoni strateġika tal-Kulleġġ. Il-Prinċipal għandu jiddelega kull Deputat Prinċipal responsabbiltajiet speċifiċi skond l-esiġenzi ta' l-MCAST.

B'mod ġenerali, l-oqsma prinċipali ta' responsabbiltà jikkonċernaw l-assigurazzjoni ta' kwalità, żvilupp tal-kurrikulum u ta' l-i*staff*, servizzi għall-istudenti u relazzjonijiet ma' l-iskejjel, impjegati, il-komunità in ġenerali u msieħba barra minn Malta. Kull min jinħatar ikollu jagħmilha wkoll flok il-Prinċipal fl-assenza tiegħu u jirrapreżentah fuq il-Bord ta' l-Istudji ta' l-Istituti.

Dawk il-kandidati li jinħatru għandhom juru xhieda ta' *track record* ta' kisbiet u tmexxija effettiva f'livell għoli, u għandu jkollhom esperjenza preċedenti fit-tagħlim u/jew tmexxija fil-qasam ta' l-edukazzjoni post obbligatorja. Huwa essenzjali wkoll li jkunu jafu bil-kwistjonijiet li jolqtu l-iżvilupp u taħriġ vokazzjonali. L-applikanti għandhom ikunu innovattivi u oriġinali fi ħsiebhom u jkunu kapaċi jaħdmu mal-Prinċipal u *managers* oħrajn billi jagħtu direzzjoni u tmexxija lill-Kulleġġ. Edukazzjoni f'livell ta' lawrija, kwalitajiet ta' tmexxija u viżjoni huma essenzjali għall-postijiet flimkien mal-kapaċità li jaħdmu b'mod billi jikkoperaw bħala membri f'tim. L-applikanti li jintgħażlu jkunu ingaġġati fuq kuntratt definit ta' erba' snin, li jista' jiġġedded suġġett għal *performance* sodisfaċenti. Il-post huwa suġġett għal ġimgħa ta' erbgħin siegħa u jinkludi perijodu bi prova ta' sena.

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies - Deputy Principals

MCAST is seeking to recruit two persons to fill the positions of Deputy Principals. The post-holders will assist the Principal in the overall management and strategic direction of the College. The Principal shall delegate each Deputy Principal specific responsibilities according to MCAST exigencies.

In general, the main areas of responsibility will be concerned with quality assurance, curriculum and staff development, student services and links with schools, employers, the wider community and overseas partnerships. Each post-holder will also deputise for the Principal in his absence and represent him on the Institutes' Boards of Studies.

The successful candidates should be able to demonstrate evidence of a track record of achievement and effective management at a senior level, and should have had previous experience of teaching and/or managing in the post compulsory education sector. An awareness of the issues affecting the development of vocational education and training is also essential. Applicants should be innovative and original in their thinking and able to work with the Principal and other managers in giving direction and leadership to the College. A graduate education, qualities of leadership and vision are essential to the posts as is the ability to work co-operatively as a team member. The successful applicants will be engaged on a four-year definite contract, which may be renewed thereafter subject to satisfactory performance. The post is subject to a forty-hour week and entails a probationary period of one year.

Saru arranġamenti speċjali mal-*Management and Personnel Office* ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru għall-impjegati tas-Servizz Pubbliku li jixtiequ jkunu fuq bażi ta' *attachment*. L-applikanti għandhom jibagħtu l-formola ta' l-applikazzjoni ta' l-MCAST, li wieħed jista' jsibha fuq il-*website* jew mill-Uffiċ ċju tad-Direttur Amministrattiv, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 08, mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn, is-7 ta' Lulju, 2003. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati. Aktar tagħrif, jekk meħtieġ, jinkiseb mill-indirizz ta' hawn fuq.

Special arrangements with the Management and Personnel Office of the Office of the Prime Minister have been made for Public Service employees wishing to be on an 'attachment' basis. Applicants should submit the MCAST Application Form, available online and from the Office of the Principal, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08, by not later than Monday, 7th July, 2003. Late applications will not be considered. If further information is required please refer to the address below.

Is-17 ta' Ġunju, 2003

17th June, 2003

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi - *Lecturing Staff*

Minħabba t-tkabbir ta' l-MCAST, b'mod partikulari l-inkorporazzjoni tat-tliet Istituti, jiġifieri l-Istitut ta' l-*Agribusiness*, l-Istitut tas-Servizzi fil-Komunità u l-Istitut ta' l-Inġimerija Mekkanika, il-Kulleġġ jista' jkollu bżonn letturi, f'Malta u/jew Għawdex, fis-suġġetti li ġejjin:

Accounts
Anatomija u Fiżjoloġija
Kapaċitajiet Bażiċi
Beauty Therapy
Business Studies
Kura
Kura tat-Tfal u Żvilupp tat-Tfal
Computer Aided Design
Studji tal-Komputer
Critical and Contextual Studies (Arti u Disinn)
Dieta u Nutriment
Design Principles (Health and Beauty)
Electrical Installation Techniques
Teknoloġija Elettrika
Elettronika
Engineering Drawing
Xjenza ta' l-Inġinerija
English/English for Special Purposes
Fabrication and Welding
Xjenza Ġenerali
German/German for Business
Hairdressing
Health Studies
Heating, Ventilation and Air- Conditioning
Bijoloġija Umana
Management Industrijali
Informatika
Information Technology (ECDL)
Malti
Marketing
Matematika/Matematika u Statistika

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies - Lecturing Staff

Due to the expansion of MCAST, in particular the incorporation of three Institutes, namely the Institute of Agribusiness, the Institute of Community Services and the Institute of Mechanical Engineering, the College may require lecturers, in Malta andċor Gozo, in the following subject:

Accounts
Anatomy and Physiology
Basic Skills
Beauty Therapy
Business Studies
Care
Child Care and Child Development
Computer Aided Design
Computer Studies
Critical and Contextual Studies (Art and Design)
Diet and Nutrition
Design Principles (Health and Beauty)
Electrical Installation Techniques
Electrical Technology
Electronics
Engineering Drawing
Engineering Science
English / English for Special Purposes
Fabrication and Welding
General Science
German / German for Business
Hairdressing
Health Studies
Heating, Ventilation and Air- Conditioning
Human Biology
Industrial Management
Informatics
Information Technology (ECDL)
Maltese
Marketing
Mathematics / Mathematics and Statistics

Inġinerija Mekkanika
Microprocessors and Mechatronics
Motor Vehicle Electrical Engineering
Motor Vehicle Engineering
Navigation and Chartwork
Tikħil u tqegħid ta' madum
Soċjoloġija
Bżonnijiet Speċjali
Sports Science
Teknoloġija
Telekomunikazzjoni

Saru arranġamenti speċjali mal-*Management and Personnel Office* ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru għall-impjegati tas-Servizz Pubbliku li jixtiequ jkunu fuq bażi ta' *attachment*. Studenti li jiggradwaw fl-2003 huma mħeġġa biex japplikaw. L-applikazzjonijiet jiġu kkunsidrati jekk jintbagħtu fuq il- formola ta' l-applikazzjoni tal-Kulleġġ. Dawn jinkisbu mill-Uffiċċju tad-Direttur Amministrattiv, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 08, mhux aktar tard minn nhar it-Tlieta, l-24 ta' Ġunju, 2003. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Is-17 ta' Ġunju, 2003

Mechanical Engineering
Microprocessors and Mechatronics
Motor Vehicle Electrical Engineering
Motor Vehicle Engineering
Navigation and Chartwork
Plastering and Tile Laying
Sociology
Special Needs
Sports Science
Technology
Telecommunications

Special arrangements with the Management and Personnel Office of the Office of the Prime Minister have been made for Public Service employees wishing to be on an 'attachment' basis. Students graduating in 2003 are encouraged to apply. Applications will only be considered if submitted on the College Application Forms. These are available from the Office of the Administrative Director, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola. The closing date for receipt of applications is Monday, 7th July, 2003 at noon. Late applications will not be considered.

17th June, 2003

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

Riżultat ta' l-Eżami għall-Postijiet ta' *Security Guard* fil-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern

Id-Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf illi r-riżultat ta' l-eżami msemmi hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana, waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju bejn it-8.00 a.m. u s-1.00 p.m.

Is-17 ta' Ġunju, 2003

MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

Result of Examination for the Posts of Security Guard in the Ministry for Justice and Home Affairs 2003

The Director of Examinations notifies that the result of the above examination has been published and may be seen at the Examinations Department, Floriana during office hours between 8.00 a.m. and 1.00 p.m.

17th June, 2003

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Riżultat ta' l-Intervista għall-Ingaġġ ta' Segretarji ta' l-Iskola fuq Kuntratt fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

Id-Direttur Ġenerali, Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat għall-ingaġġ imsemmi hawn fuq fin-*notice-board* tal-*Customer Care Unit* tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana u fuq in-*notice-board* Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex u fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Is-17 ta' Ġunju, 2003

EDUCATION DIVISION

Result of Interview for the Engagemenet of School Secretaries on Contract in the Education Division

The Director General, Education Division, notifies that the result of the interview for the above mentioned engagement may be viewed on the notice-board at the Customer Care Unit of the Education Division, Floriana and on the notice-board at the Education Office, Victoria, Gozo, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

17th June, 2003

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

Avviż lill-Pubbliku

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) tgħarraf lill-pubbliku li l-Bord tad-Diretturi ta' Gasan Funds SICAV plc ('l-iskema') talab lill-MFSA biex jirrinunzja liċenzi maħruġa lil din l-iskema ta' investiment kollettiv skond l-Att dwar is-Servizzi ta' Investiment, 1994, fir-rigward ta' skemi li jaqgħu taħt il-'Gasan International Equity Growth Fund', il-'Gasan International Diversified Growth Fund' u il-'Gasan International Lower Risk Fund' (minn issa 'l quddiem kollettivament imsejħa 'il-Fondi').

L-MFSA laqgħet it-talba tal-Bord tad-Diretturi u għaldaqstant il-Fondi m'għadhomx iżjed reġistrati ma' l-MFSA b'seħħ mill-11 ta' Ġunju, 2003.

It-12 ta' Ġunju, 2003

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

Notice to the Public

The general public should be aware that the Board of Directors of the Gasan Funds SICAV plc ('the Scheme') requested the Malta Financial Services Authority ('MFSA') to surrender the collective investment scheme licences granted under the Investment Services Act, 1994, to the Scheme in respect of the Gasan International Equity Growth Fund, the Gasan International Diversified Growth Fund and the Gasan International Lower Risk Fund (hereinafter collectively referred to as the 'Funds').

The MFSA has accepted the request of the Board of Directors and accordingly with effect from the 11th June, 2003, the Funds ceased to be licensed by the MFSA.

12th June, 2003

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti maghluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, *Notre Dame Ravelin,* il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, id-19 ta' Ġunju, 2003, għal:

CT 124/2003. Provvista ta' pompi għal taħt l-ilma għall-*Waste Water Pumping Station* ta' Pembroke, Taqsima tax-Xogħlijiet. Għandu jitħallas dritt ta' Lm15 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 125/2003. Provvista ta' *spare parts* għall-Flygt pumps lid-Dipartiment tad-Drenaġġ, Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' Lm15 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 126/2003. Provvista u tqegħid ta' *paving metal trays* u *supporting frames* għall-Proġett ta' Pavimentar fl-Imdina, Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' Lm15 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta. Il-pjanti relatati jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju taċ-*Chief Draughtsman*, Blokk A, Taqsima tax-Xogħlijiet, il-furjana, bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas dritt neċessarju ta' Lm2 għal kull kopja ta' pjanta.

CT 127/2003. Tħaffir ta' trinek fil-*gallery works* fi Triq ir-Rabat, Ħad-Dingli, Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 19th June, 2003, for:

CT 124/2003. Supply of submersible pumps for the Pembroke Waste Water Pumping Station, Works Division. A fee of Lm15 will be charged for each copy of tender document.

CT 125/2003. Supply of spare parts for Flygt pumps to the Drainage Department, Works Division. A fee of Lm15 will be charged for each copy of tender document.

CT 126/2003. Supply and laying of paving metal trays and supporting frames for Mdina Paving Project, Works Division. A fee of Lm15 will be charged for each copy of tender document. The relative drawings can be collected from the Chief Draughtsman's office, Block A, Works Division, Floriana, between 8.00 a.m. and noon against the necessary payment of Lm2 for each copy of drawing.

CT 127/2003. Sewer tenching at gallery works at Triq ir-Rabat, Dingli, Works Division. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

CT 128/2003. Provvista ta' *gate valves* u aċċessorji relatati oħra għad-Dipartiment tad-Drenaġġ, Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 129/2003. Xogħlijiet ta' *scarifying* għall-Proġett ta' Pavimentar fl-Imdina, Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta. Il-pjanti relatati jistgħu jinġabru mill-uffiċċju taċ-*Chief Draughtsman,* Blokk A, Taqsima tax-Xogħlijiet, il-Furjana, bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar, wara li jitħallas id-dritt neċessarju ta' Lm2.

CT 130/2003. Provvista u tqegħid ta' *reinforced concrete sub-floor* fl-Imdina, Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta. Il-pjanti relatati jistgħu jinġabru mill-uffiċċju taċ-*Chief Draughtsman,* Blokk A, Taqsima tax-Xogħlijiet, il-Furjana, bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar, wara li jitħallas id-dritt neċessarju ta' Lm2 għal kull kopja ta' pjanta.

CT 40/2003. Provvista ta' *Land and Estate Management Information System* - Taqsima Proprjetà tal-Gvern. Irid jitħallas dritt ta' Lm100 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-24 ta' Ġunju, 2003, għal:

CT 145/2003. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *tablet diaries* 2004 lis-Sezzjoni tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-1 ta' Lulju, 2003, għal:

CT 132/2003. Provvista ta' pilloli *tetrabenazine 25mg* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 133/2003. Provvista ta' *neutral human biosynthetic isophane insulin suspension* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 134/2003. Provvista ta' *multipacks* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 135/2003. Provvista ta' *recombinant human interferon gamma* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 136/2003. Provvista ta' injezzjonijiet *meropenem 500mg IV* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 137/2003. Provvista ta' pilloli *ondansetron 8mg* – Dipartiment tas-Saħħa.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-3 ta' Lulju, 2003, għal:

CT 131/2003. Provvista u tqegħid ta' ġebel tal-qawwi Ragusano fl-Imdina, Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas

CT 128/2003. Supply and delivery of gate valves ad other related accessories for the Drainage Department, Works Division. A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document.

CT 129/2003. Scarifying works at Mdina Paving Project, Works Division. A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document. The relative drawings can be collected from the Chief Draughtsman's office, Block A, Works Division, Floriana, between 8.00 a.m. and noon against the necessary payment of Lm2.

CT 130/2003. Supply and laying of reinforced concrete sub-floor at Mdina, Works Division. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document. The relative drawings can be collected from the Chief Draughtsman's office, Block A, Works Division, Floriana, between 8.00 a.m. and noon against the necessary payment of Lm2 for each copy of drawing.

CT 40/2003. Supply of a Land and Estate Management Information System - Government Property Division. A fee of Lm100 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 24th June, 2003, for:

CT 145/2003. Period contract for the supply of tablet diaries 2004 to the Procurement Section of the Contracts Department.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 1st July, 2003, for:

CT 132/2003. Supply of tetrabenazine 25mg tablets – Department of Health.

CT 133/2003. Supply of neutral human biosynthetic isophane insulin suspension – Department of Health.

CT 134/2003. Supply of multipacks – Department of Health.

CT 135/2003. Supply of recombinant human interferon gamma – Department of Health.

CT 136/2003. Supply of meropenem 500mg IV injections – Department of Health.

CT 137/2003. Supply of ondansetron 8mg tablets – Department of Health.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 3rd July, 2003, for:

CT 131/2003. Supply and laying of Ragusano hardstone at Mdina, Works Division. A fee of Lm50 will be charged

dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta. Il-pjanti relatati jistgħu jinġabru mill-uffiċċju taċ-*Chief Draughtsman,* Blokk A, Taqsima tax-Xogħlijiet, il-Furjana, bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar, wara li jitħallas id-dritt neċessarju ta' Lm20 għal kull sett komplut kopja ta' pjanti.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-8 ta' Lulju, 2003, għal:

CT 138/2003. Provvista ta' *dual chamber rate responsive pacemakers and endocardial pacing leads* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 139/2003. Provvista ta' *arterial puncture sealing device* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 140/2003. Provvista ta' *three lumen central venous catheterisation set* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 141/2003. Provvista ta' *teicoplanin 200mg vials* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 142/2003. Provvista ta' *human biosynthetic biphasic insulin cartridges* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 143/2003. Provvista ta' *influenza vaccine* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 144/2003. Provvista ta' pilloli *quetiapine 25mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 146/2003. Provvista ta' *imagesetter* u *on line processor* – Stamperija tal-Gvern.

CT 147/2003. Provvista ta' *human biosynthetic insulin neutral solution – short acting cartridges* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 148/2003. Provvista ta' injezzjonijiet *paclitaxel 30mg* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 149/2003. Provvista ta' *budesonide nebuliser suspension 1mg/2ml ampoules* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 150/2003. Provvista ta' *ipratropium bromide nebuliser solution* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 151/2003. Provvista ta' *prostaglandin F2 alpha analogue eye drops* – Dipartiment tas-Saħħa.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-10 ta' Lulju, 2003, għal:

CT 152/2003. Żidiet strutturali u alterazzjonijiet fil-Blokk ta' Amministrazzjoni fil-*Main Campus* tal-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija, Kordin - Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST). Irid jitħallas dritt ta' Lm35 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

for each copy of tender document. The relative drawings can be collected from the Chief Draughtsman's office, Block A, Works Division, Floriana, between 8.00 a.m. and noon against the necessary payment of Lm20 for a complete set of drawings.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 8th July, 2003, for:

CT 138/2003. Supply of dual chamber rate responsive pacemakers and endocardial pacing leads - Department of Health.

CT 139/2003. Supply of arterial puncture sealing device - Department of Health.

CT 140/2003. Supply of three lumen central venous catheterisation set - Department of Health.

CT 141/2003. Supply of teicoplanin 200mg vials - Department of Health.

CT 142/2003. Supply of human biosynthetic biphasic insulin cartridges - Department of Health.

CT 143/2003. Supply of influenza vaccine - Department of Health.

CT 144/2003. Supply of quetiapine 25mg tablets - Department of Health.

